MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 395/2008

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**G H F f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem tat-tifla minuri C kjamata fil-kawza**
**permezz ta' digriet moghti fil-11 ta' Marzu 2009;**
**D E F; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-esponent kellu relazzjoni mal-intimata G H F.

Illi l-istess konvenuta hija mizzewga mal-konvenut D E F, pero' llum ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg – Dokument A.

Illi minn din ir-relazzjoni twieldet tifla C fit-12 ta' Settembru, 2007 u li llum ghandha sena, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid – Dokument B.

Illi, peress li l-intimati, konjugi F ghadhom mhux separati, it-tifla minuri giet dikjarata bhala l-wild naturali tal-intimat D E F.

Illi, pero' r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri, kif jirrizulta mit-testijiet tad-DNA, hawn annessi – Dokument C.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lill-esponent bhala l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C F;

2. Tordna l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fic-certifikat tat-twelid ghal dak li jirrigwarda informazzjoni dwar il-missier tat-tifla C.

Rat ir-riposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li hi fis-sens li :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li l-minuri tkun parti mill-kawza u l-interessi taghha jigu rapprezentati minn kuraturi deputati.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jehtieg li qabel xejn ikun hemm talba li l-intimat D E F jigi dikjarat li mhux il-missier naturali tal-minuri in kwistjoni.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu jehtieg li l-kunjom tal-minuri jigi korrett u l-kliem “the said” iridu jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta’ l-omm.

5. Illi minghajr pregudizzju, l-esponent jirrileva li kien l-intimat D E F li ghamel in-notifikazzjoni tat-twelid tal-minuri.

6. Illi minghajr pregudizzju wkoll, jehtieg li r-rikorrent jipprova l-impossibilta’ fizika bejn il-konjugi l-intimati G H F u D E F.

7. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenuti l-ohra, G H F u D E F, debitament ingunti, ghazlu li jibqghu kontumaci ;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA redatt mill-Ispizjar Marisa Cassar, debitament mahluf minnha u mit-tabib Dottor Rudolph Busuttil ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet xhieda bil-gurament;

---

[1] Fol.27 *et seq.*

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C li twieldet fit-12 ta' Settembru 2007 u registrata fl-att tat-twelid taghha numru 3244/07 bhala bint il-konvenut D E F, hija fil-fatt it-tifla naturali ta' l-istess attur A B.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fis-sena 2006 il-konvenut G H F, allura mizzewwga lill-konvenut D E F, kienet dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' l-attur, u li minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla C fit-12 ta' Settembru 2007. L-attrici fid-depozizzjoni taghha tikkonferma li minn mindu hija bdiet ir-relazzjoni ma' l-attur sakemm harget tqila, hija kellha relazzjonijiet intimi ma' A B biss ; ghalhekk tghid li t-tifla hija tieghu.

Illi din it-tezi ssib korroborazzjoni fir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA li jikkonfermaw lill-attur bhala l-missier naturali tat-tifla C.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tat-tifla C li twieldet fit-12 ta' Settembru 2007 ; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid taghha li jgib in-numru 3244/07 fis-sens li l-isem ta' D E F u l-konnotati tieghu jigu sostitwiti bl-isem l-attur A B u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta G H F proprio, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------